**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Marflene Cricchiola**

**Kumpilazzjoni Numru: 268/15**

**Illum 4 ta' April 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Marflene Cricchiola** detentur tal-karta tal-identità numerata 513386M, akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta' Marzu 2015 ghall-habta ta' l-4:15pm, gewwa Triq Pacifiku Scicluna, Birgu, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal persuna ta' Darren Galea u/jew persuna/i ohra, u kkagunalu griehi ta' natura gravi, skond ma iccertifika Dr. E. Paris MD, u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-artikoli 338(1)(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Darren Galea u Ritienne Vella, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn elenka l-Artikoli taht liema tista' tinstab htija jew htijiet:

a) Fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq incident li gara gewwa l-Birgu fejn allegatament l-imputat ikkawza griehi serji fuq il-parti leza wara li tah daqqtejn ta' ponn go wiccu.

Illi xehed **Dr. Etienne Paris** li esebixxa certifikat mediku ta' Darren Galea (Dok 'EMP'). Spjega li fit-8 ta' Marzu 2015 kien ra lill-vittma fl-emergenza tal-isptar Mater Dei fejn sab li kellu qasma fuq mohhu ta' madwar hames centimetri u li kellhom bzonn il-punti ghalihom. Qal ukoll li Darren kellu demm hiereg mix-xoffa ta' fuq u kif ukoll mill-hanek. Spjega li ra li kellu minn tal-inqas tliet sinniet li kienu qeghdin jiccaqalqu u ghalhekk irreferih ghand dentist. Qal li apparti l-ugigh ta' ras li kellu habba l-qasma fuq mohhu, la ntilef minn sensih, la kellu ugigh u lanqas qtugh ta' nifs u li ghalhekk kien kompletament alert. Fic-certifikat mediku, ix-xhud irrimarka li dawn il-griehi huma ta' natura gravi.

Illi xehed **l-Ispettur Robert Said Sarreo** fejn esebixxa rapport (Dok 'RS1'), certifikat mediku (Dok 'RS2'), dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-parir legali (Dok 'RS3') u l-istqarrija tal-imputat (Dok 'RS4'). Ix-

xhud qal ukoll illi fit-8 ta' Marzu 2015 ghall-habta tal-5pm, il-Pulizija tal-Ghassa ta' Bormla gew infurmati li kien hemm xi argument gewwa Triq Pacifiko Scicluna, il-Birgu fejn kien hemm xi nies li kienu ndarbu. Qal li l-pulizija kienu marru mal-ewwel fuq il-post fejn kellmu lil certu Darren Galea, li kellu ticrita fuq mohhu u demm hiereg minn halqu. Spjega li Darren kien qalilhom li hu kien qieghed gewwa l-karozza tieghu, fejn f'hin minnhom giet vettura minn warajh tal-ghamla Honda Del Sol ta' kulur ahmar, fejn ix-xufier beda jpaqpaq il-horn sabiex Darren jersaq min-nofs. Qal li Darren kien qal lix-xufier ta' warajh sabiex jistenna ftit minhabba li s-sitwazzjoni tat-toroq peress illi kien hemm it-toroq jaghlqu, izda x-xufier l-iehor nizel minn gol-karozza u hebb ghal Darren billi xejjirlu daqqtejn ta' ponn go wiccu. Qal li Darren ittiehed l-isptar fejn gie iccertifikat minn Dr. Etienne Paris li kien qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi. Ix-xhud spjega li aktar tard, Darren kien ipproduca certifikat iehor minghand Dr. Etienne Attard (dental surgeon) fejn qal li kellu xi griehi u ksur f'halqu. Spjega li dakinhar, il-pulizija ippruvat tfittex lill-imputat peress illi wara l-incident huwa kien telaq minn fuq il-post. L-imputat gie interrogat jumejn wara l-incident, fl-10 ta' Marzu. Spjega li l-imputat kien inghata d-drittijiet kollha tieghu, fejn kien irrifjuta li jikkonsulta

ma' avukat (Dok 'RS3'). Qal li fil-verzjoni tieghu, l-imputat kien spjega li kien qieghed fil-karozza tieghu tal-ghamla Honda Del Sol ta' lewn ahmar flimkien ma' huh u qal li go karozza ohra kien hemm missieru u t-tfajla ta' missieru. L-imputat spjega li kienu ghaddejjin minn l-imsemmija triq sabiex imorru jaraw in-nanna taghhom li tghix il-Birgu stess, izda sabu t-triq maghluqa minhabba l-karozza ta' Darren Galea. Qal li huma paqpulu l-horn sabiex jersaq, inqala' argument u Darren beda jghajjat u jidghi fejn spicca hareg ghalihom minn gol-karozza. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-Awla.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat spjega x'gara dakinhar tal-incident. Spjega li hu, huh, missieru u t-tfajla ta' huh, kienu sejrin ghand in-nanna taghhom f'karozzi separati, fejn hu kien qieghed fil-karozza tal-ghamla Honda Del Sol ta' lewn ahmar ma' huh li kien is-sewwieq, u missieru kien qieghed isuq warajhom bil-karozza tieghu tal-ghamla Toyota Vitz, ta' kulur abjad fejn mieghu kemm hemm it-tfajla tieghu li jisimha Sue. Spjega li hin minnhom ghaddew minn triq dejqa u x'hin waslu fit-tarf riedu jiksru fuq il-lemin izda ma setghux ghax kien hemm karozza tal-ghamla Mercedes li kienet ipparkjata b'tali mod li ma setghux jghaddu. Qal

li sid din il-karozza kien qieghed bilqieghda gewwa l-karozza stess fejn wara li l-imputat qallu bil-kalma li ghandhom bzonn jghaddu, is-sid rriversja lejn in-naha li riedu jmorru l-imputat u l-familja tieghu u ghalhekk l-imputat rega' gibidlu l-attenzjoni sabiex jersaq. Qal li dak il-hin, is-sid qabad jidghi, joqmos fuq is-seat u jaghti fuq l-isteering u saq 'il quddiem biex jghaddu. L-imputat qal li malli ghaddew, sema' mara li kienet fil-kantuniera tghajjat u twerzaq u ghalhekk qalilha "ghalfejn qed tghajjat?" Qal li x-xufier tal-Mercedes beda jghajjat izjed minnha u ghalhekk l-imputat qalilhom "Kemm intom keshin, ghalfejn dan l-ghajjat kollu?" Malli qal hekk, ix-xufier tal-Mercedes irriversja bis-sahha fuq il-karozza ta' missier l-imputat, fejn missieru hareg minn gol-karozza sabiex jara jekk laqtux. Ix-xufier tal-Mercedes hareg mill-karozza wkoll. L-imputat qal li kif rah hiereg mill-karozza, hareg hu wkoll. Stqarr li ra lix-xufier johrog xi haga minn gol-karozza u mar wicc imb wicc ma' missier l-imputat. L-imputat qal li kif ra hekk, mar jigri bejniethom u imbuttahom it-tnejn li huma, tant li spicca habbat ras missieru mal-bieba ta' wara tal-passiggier tal-Mercedes u x-xufier habat bejn il-pilastru u l-bieba tax-xufier li kienet miftuha. Qal ix-xufier tal-Mercedes kellu ftit demm fuq mohhu izda hu u missieru dahlu fil-karozzi taghhom u telqu 'l

hemm. Spjega li qabel ma telqu, induna li x-xufier tal-Mercedes hadilhom in-numru ta' registrazzjoni tal-karozzi u qal lill-imputat li ha jsib lilu u lil familtu u li kien ser ipattihielu. Mistoqsi x'jghid dwar il-griehi serji li gie iccertifikat li kellu x-xufier tal-Mercedes, l-imputat stqarr li x-xufier qieghed jigdeb. Qal li hu kull ma ghamel ferraqhom sabiex jieqfu jiggieldu izda ma refa' jdejh fuq hadd. Qal li ma kienx mar l-ghassa sabiex jaghmel rapport ghax ghalih ma kien gara xejn gravi. Qal li probabbli l-griehi li sofra x-xufier tal-Mercedes sehhew meta l-imputat imbuttah u habat mal-karozza tieghu. Qal ukoll li qatt ma kien kellmu qabel u ma kienx jafu. Stqarr li l-atteggjament tax-xufier tal-Mercedes ma kienx ta' bniedem f'siktu u qal li jista' jkun li kien fis-sakra jew taht xi effett ta' xi haga ohra, izda qal li ma tax kaz jekk kellux riha ta' xorb fuqu.

Illi xehdet **Ritienne Vella** li esebiet zewg ritratti tal-griehi tal-vittma Darren Galea, immarkati Dok 'RV1' u Dok 'RV2'. Spjegat li hi ma toqghodx 'il boghod minn fejn kien joqghod missier l-imputat, meta kien ghadu mal-mara, jigifieri ma' omm l-imputat. Spjegat li fit-8 ta' Marzu tal-2015, peress illi kien Jum il-Mara, kienu marru jieklu Marsaxlokk hi, Darren Galea, il-partner taghha, it-tifla

taghha ta' 9 snin, ommha u missierha. Spjegat li kienu lestew mill-ikla, marru ghand ommha li toqghod il-Birgu u kif waslu, Darren qalilha li ha jmur jaghlef il-bhejjem. Spjegat li hi marret tpejjep sigarett fil-kantuniera tat-triq filwaqt li Darren kien qieghed jirriversja l-karozza. Spjegat li rat zewg karozzi gejjin, wahda hamra u ohra bajda. Qalet li peress illi dak iz-zmien beda jsir il-madum fit-triq, Darren kellu jirriversja bilfors u ma setax jghaddi dritt. Qalet li Darren saq l-quddiem sabiex iz-zewg karozzi ta' warajh ikun jistghu jghaddu, fejn l-ewwel ghaddiet il-karozza l-hamra mbaghad il-bajda. Spjegat li l-karozza l-bajda waqfet b'mod illi Darren ma setax jirriversja aktar lura biex johrog barra l-Birgu. Qalet li sadanittant, tal-karozza l-bajda nizel mill-karozza bil-mod u kif Darren kien ha jinzel mill-karozza tieghu, gie tal-karozza l-hamra jigri u capcap lil Darren daqqa ta' ponn go mohhu u ohra go halqu. Ix-xhud iddentifikat lill-imputat gewwa l-Awla. Spjegat li dan l-incident gara ghax Darren qal lill-imputat biex darb'ohra jixghel l-*indicator.* Qalet ukoll li x'hin rathom jargumentaw marret tigri quddiemhom u qaltilhom *"morru 'l hemm ghax tifla werwirtuhieli".* Qalet li t-tifla taghhom bdiet tghajjat *"Papà, papà"* u l-imputat qal lil Darren *"irringrazzja 'l Alla li werwirtlek lit-tifla".* Qalet li wara cemplu lill-pulizija u lill-

ambulanza li hadithom l-isptar. Qalet li lil Darren ghamlulu 6 punti go mohhu u li peress illi dakinhar kien il-Hadd, kellu jmur ghand id-dentist l-ghada ghax beda hiereg id-demm minn snienu. Spjegat li Darren dam ma jidhol lura ghax-xoghol xi xahar jew ftit inqas, ghax kienu ghamlulu certa hadida ma' halqu biex johorgulu snienu 'l barra fejn kellu jiehu affarijiet likwidi biss ghaliex ma setax jomghod.

Illi xehed **Darren Galea**, illi gharaf lill-imputat gewwa l-Awla. Irrakkonta li fit-8 ta' Marzu 2015, hu kien qieghed ma' Ritienne Vella, il-partner tieghu u t-tifla taghhom fejn kien wassalhom ghand omm il-partner tieghu l-Birgu. Spjega li wara li wassalhom, kellu bzonn jerga' johrog. Dahal fil-karozza tieghu li hi tal-ghamla Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni GWL 030 u qal li peress illi l-Birgu kien maqlugh ghax kienu qeghdin jirrangaw it-toroq, hu saq ghal go triq, rega' lura u tela' 'l fuq. Qal li dak il-hin, ra karozza hamra warajh, u ghalhekk, dahal go triq ohra sabiex il-karozza l-hamra tkun tista' tghaddi. Qal li mbaghad giet karozza bajda fejn ix-xufier qallu *"lil hemm irridu nghaddu, ghax ahna qeghdin tnejn".* Ix-xhud qal li minn gol-karozza wiegeb lix-xufier fejn qallu *"ixghel indicator mela",* saq 'il quddiem u l-karozza l-hamra

ghaddiet u waqfet f'salib it-toroq. Dak il-hin ghadda tal-karozza l-bajda u beda jparla. Qal li tal-karozza l-bajda, li x-xhud kien sar jaf wara, li jigi missier l-imputat, waqaf wara l-karozza tieghu. Ix-xhud qal li pogga l-karozza tieghu fir-reverse biex isuq lura u johrog. Qal li missier l-imputat qallu *"ejja, suq ha mmorru",* fejn imbaghad rah niezel minn gol-karozza u f'hin minnhom gie jigri l-imputat, u tah daqqtejn ta' ponn, waqt li x-xhud kien ghadu bilqieghda fil-karozza. Spjega li mad-daqqa ta' ponn hariglu d-demm mal-ewwel. Qal li l-imputat qallu *"irringrazzja lil Alla li werwirtrek lit-tifla".* Spjega li missier l-imputat m'ghamillu xejn hlief rassu izda l-imputat kien mar fuqu u tah daqqtejn ta' ponn. Spjega li l-gerha baqghet marka fuq mohhu u li snienu jridu jigu mibdulin. Qal ukoll li kien ghamel kwazi xahar ma jmurx ghax-xoghol ghax kellu hadida ma' snienu, seta' jiekol biss ikel maghsur, u kellu halqu minfuh. Ix-xhud esebixxa zewg dokumenti medici ta' Dr. Eileen Borg M.D. u Dr. Christian Gauci B.Ch.D. (Dok 'DG1' u Dok 'DG2'), mappa fejn hemm marka ta' fejn sar l-incident (Dok 'DG3') u zewg ritratti li juru d-demm li kien hemm fil-bieba tal-karozza (Dok 'DG4' u Dok 'DG5').

Illi xehed **Dr. Etienne Attard** li jezercita l-professjoni ta' dentist li ghamel referenza ghal Dok 'RS2' li kien gie esebit mill-Ispettur Robert Said Sarreo. Ix-xhud spjega li l-pazjent, Darren Galea, kien gie irreferut mid-Dipartiment tal-Emergenza ta' Mater Dei rigward xi konsegwenzi li kellu wara trawma f'wiccu. Qal li l-pazjent ma setax jaghlaq halqu sew peress illi z-zewg sinniet ta' quddiem gew imbuttati 'l gewwa lejn is-saqaf ta' halqu. Ghalhekk, ix-xhud spjega li kellu jerga' jcaqlaqlu s-snien fil-pozizzjoni originali taghhom u jorbothomlu b'wire u filling abjad biex jergghu jissudaw. Spjega li kienu hadulu x-rays biex jeskludu li ma kellux ksur la fi snienu u lanqas fix-xedaq, fejn mill-x-rays, irrizulta li ma kienx hemm. Qal li dik kienet l-unika darba li ezamina lil Darren Galea.

Illi xehdet **Dr. Helen k/a Eileen Borg** fejn giet murija Dok 'DG1' u kkonfermat li dak hu c-certifikat mediku li harget hi stess lil Darren Galea fl-1 t'April 2015. Qalet li Darren kellu qasma fuq mohhu u kellu xi punti li kienu diga` mfejqin, però li hallewlu marka. Qalet li fil-fehma taghha, il-marka ha tibqa' wahda permanenti. Qalet li l-ferita kienet kompatibbli ma' daqqa b'xi haga bil-ponta.

Illi xehed **Dr. Christian Gauci** li ikkonferma Dok 'DG2' peress li invista lil Darren Galea l-emergenza. Spjega li Darren kien mar ghandu jikkomplejnja li kellu snienu ma jhosshomx meta jaghlaq halqu. Ix-xhud qal li ccekjawlu jekk ghadhomx hajjin is-snien u irrizulta li ma tawx pozittività ghat-test. Qal li kien issuggerixxa lil Darren li aktar 'il quddiem isirulu xi x-rays sabiex jaraw jekk huwiex il-kaz li jsir root treatment fuqhom. Spjega li kieku dan it-trattament kien ha jsir, kien isir fi tliet darbiet, izda dan it-trattament ma kienx sar. Qal li hu kien tah stima li kienet ta' €400. Ix-xhud qal li fuq wiccu, ma kien innota xejn izjed apparti dak li kellu fi snienu.

Illi xehed **PS1051 Brian Joseph Cremona** li esebixxa rapport dwar il-glieda li giet immarkata bhala Dok 'BJC'. Stqarr li dakinhar tal-glieda, kien gie infurmat mill-Control Room tal-Pulizija li kienet ghadha kif sehhet glieda gewwa Triq Pacifiku Scicluna, il-Birgu. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u qal li meta hu wasal fuq il-post, l-imputat ma kienx hemm izda kien hemm certu Darren Galea li kellu gerha fuq mohhu u demm hiereg minn halqu. Qal ukoll li dakinhar tal-glieda, ma kienx irnexxielu jsib lill-imputat.

Illi xehed **Dr. Mario Scerri** li kien gie inkarigat mill-Qorti sabiex jezamina lil Darren Galea, fejn ezaminah fit-23 t'Awwissu 2016 u stqarr li b'rizultat tal-incident inkwistjoni Darren kellu cikattrici fuq mohhu. Spjega li din il-gerha tidher from within talking distance u tibqa' bhala marka permanenti fil-wicc. Qal li din id-daqqa hi kumpatibbli ma' blunt trauma.

Illi xehdet **Fabienne Vella** li spjegat li l-imputat jigi missier it-tifla taghha. Qalet li dakinhar tal-incident, hi kienet fil-karozza flimkien mal-imputat u t-tifla taghhom u kienet qieghda ssuq gewwa l-Birgu. Qalet li kien hemm karozza tal-ghamla Mercedes li kienet wieqfa u habba f'hekk, huma ma setghux jghaddu. Spjegat li paqpqet biex il-karozza l-wieqfa tersaq lura sabiex hi tkun tista' ssuq 'il quddiem. Qalet li x-xufier tal-Mercedes saq 'il quddiem izda x-xhud regghet paqpqet ghax xorta hi ma setghetx tghaddi. Qalet li hi u tersaq lura, ix-xufier tal-Mercedes qabad isabbat idejh mal-isteering qisu jghajjat u jirrabja u qisu jidghi. Spjegat li warajhom kien hemm karozza bajda, li minghaliha kienet tal-ghamla BMW fejn kien hemm missier l-imputat go fiha. Qalet li kif huma ghaddew, ix-xufier tal-Mercedes rega' saq lura mbaghad rega' saq 'il quddiem u tiftakar li qisu ntlaqat mal-karozza ta'

missier l-imputat. Qalet li bdew jargumentaw izda ma tafx min hareg l-ewwel minn gol-karozza. Qalet li missier l-imputat intervjena ghax hasbet li x-xufier tal-Mercedes saq gas down ghal fuq missieru. Spjegat li habba din ir-raguni hi waqfet milli ssuq. Qalet li rat lis-sewwieq tal-Mercedes u missier l-imputat jghajtu, imbaghad nizel l-imputat mill-karozza u mar jimbuttahom sabiex iferraqhom. Qalet li fil-Mercedes, apparti x-xufier kien hemm mara u ragel xih li l-unika involviment li kellhom ma' missier l-imputat kien li bdew jghajtu u jwerzqu. Qalet li tahseb li l-imputat intervjena ghax ra lil missieru jargumenta ma' xi hadd u ghalhekk mar biex iferraqhom. Qalet li kull ma tiftakar li l-imputat qabdu qisu minn spalltu u jdejh u mbuttahom it-tnejn sabiex jieqfu. Meta giet mistoqsija jekk ratx lil xi hadd b'xi griehi, qalet li ma tiftakarx.

Illi xehed **Marlon Cricchiola,** missier l-imputat, li spjega li kienu involuti f'incident meta kienu ghaddejin mill-Birgu sabiex imorru ghand ommu. Qal li t-tifel tieghu, jigifieri l-imputat, kien qieghed isuq quddiemu f'karozza hamra, u hu kien qieghed isuq b'karozza bajda tal-ghamla Vitz. Spjega li huma u nizlin 'l isfel, kien hemm karozza pparkjata fin-nofs u l-karozza fejn kien hemm l-imputat go fiha paqpqu sabiex tal-karozza l-wieqfa jersaq min-nofs biex

ikunu jistghu jghaddu. Qal li x-xufier tal-karozza l-wieqfa saq lejn id-direzzjoni li riedu jghaddu huma u ghalhekk, mill-karozza fejn kien hemm l-imputat go fiha, regghu daqqewlu l-horn u x-xufier beda jsabbat bil-ponn mal-isteering. Qal li x-xufier imbaghad tefa' l-karozza fuq in-naha l-ohra sabiex ikun jista' jghaddi bil-karozza l-imputat izda rega' mar fid-direzzjoni ghal gol-karozza tax-xhud fejn dan laqtu bi ftit izda ma kienx hemm hsara kbira. Ix-xhud qal li mbaghad, is-sewwieq tal-karozza nizel ghalih, waqt li x-xhud kien ghadu fil-karozza tieghu. Spjega li kif ra lix-xufier niezel bl-arroganza u jidghi, nizel hu wkoll mill-karozza tieghu. Qal li x-xufier resaq wiccu ma' wicc ix-xhud, izda mbaghad gie l-imputat u mbuttahom it-tnejn sabiex iferraqhom. Spjega li mbaghad raw ftit demm mal-art izda ma jaf xejn izjed dawn dan. Qal li x-xufier waqa' x'hin l-imputat imbuttah u sema' tisbita ta' rasu mal-pilastru jew mal-bieba tal-karozza. Ix-xhud qal li max-xufier kien hemm l-gharusa tieghu, illi hu jafha ghaliex kienet toqghod hdejn ommu u kien hemm ukoll missierha.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza odjerna tkompli tinstema' minn din il-Qorti.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tal-atti processwali u tax-xhieda mressqa, kemm mill-prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiza, johrog car kunflitt fl-assjem tal-provi li jinsabu fl-atti odjerni.

Illi min-naha wahda, u cioe` da parti tal-prosekuzzjoni, giet imressqa l-parte civile li tat verzjoni wahda. Min-naha tad-difiza, xehdet l-eks tfajla tal-imputat u kif ukoll missier l-imputat li taw verzjoni kontrastanti ghal dak li ta l-parti leza Darren Galea. Il-kuntrast hareg b'mod car u di fatti l-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet kompletament differenti u kontrastanti ghal dik tal-vittma.

Illi mhux talli jirrizulta kuntrast qawwi biss, talli kif irrimarkat ben tajjeb id-difiza, il-verzjoni tal-parti leza mhijiex wahda affidabbli ghall-ahhar stante li mill-kontroezami hargu certu inkonsistenzi bejn ix-xhieda tieghu u dak li qal in kontroezami.

Illi ghalhekk meta l-Qorti thares lejn il-provi mressqa miz-zewg nahat tara li hemm kunflitt fil-provi. Konfrontata b'dawn il-verzjonijiet konfliggenti, f'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn intqal li: *"jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."*

L-istess insenjament giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk: *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."* Fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Thorn deciza** mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti

qalet li *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx."*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti evalwat dan il-kuntrast qawwi fil-provi u mhijiex konvinta illi l-imputat jista' jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u dan stante li ma giex ippruvat li l-agir tieghu kien wiehed kontra l-ligi.

Illi fil-kamp kriminali huwa ben risaput li meta hemm l-icken dubju dan ghandu jmur a favur tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Marflene Cricchiola hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**